MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta ta' l-10 ta' Novembru, 2004

Appell Kriminali Numru. 44/2004

**Il-Pulizija**

**vs**

**Adrian Degabriele**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Adrian Degabriele talli fit-8 ta' Novembru 2003 ghall-habta ta' 14:00 hrs fi Triq Aldo Moro, Marsa:

1. Saq il-vettura EAB 451 b'manjera traskurata;
2. Saq l-imsemmija vettura b'manjera perikoluza;
3. Saq l-imsemmija vettura b'giri aktar milli jmissu;

U dan ai termini ta' l-artikolu 15(1)(a)(2) Kap 65, MVR 127.

Il-Prosekuzzjoni talbet li l-imsemmi Adrian Degabriele jigi skwalifikat mil-licenzi kollha tieghu tas-sewqan ghal perijodu ta' mhux inqas minn tliet xhur;

Rat is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fit-13 ta' Frar 2004 li permezz taghha ma sabitx lill-imsemmi Adrian Degabriele hati tat-tielet imputazzjoni u lliberatu minnha izda sabitu hati ta' l-ewwel zewg imputazzjonijiet u kkundannatu ghall-hlas ta' multa ta' tletin liri Maltin (Lm30);

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Adrian Degabriele li permezz tieghu talab li din il-Qorti tvarja s-sentenza appellata billi thassarha in kwantu sabitu hati ta' l-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet filwaqt li tikkonfermaha in kwantu lliberatu mit-tielet imputazzjoni u ghalhekk tilliberah minn kull htija u piena;

Rat is-sentenza preliminari moghtija minn din il-Qorti fis-16 ta' Gunju 2004 li permezz taghha gew michuda l-eccezzjonijiet preliminari sollevati mill-appellat Avukat Generali;

Rat l-atti kollha relattivi;

Semghet il-provi;

Semghet it-trattazzjoni ta' Dott. Christopher Vella ghall-appellant u ta' Dott. Anthony Barbara ghall-appellat;

Ikkunsidrat:

L-aggravju ta' l-appellant huwa fis-sens li huwa ma kienx involut fl-incident in kwistjoni u li l-Ewwel Qorti ma setghetx ma kellhiex almenu dubbju ragonevoli dwar dan.

Peress li x-xiehda mismugha mill-Ewwel Qorti ma kinitx traskritta, din il-Qorti semghet il-provi mill-gdid. Dak li jemergi minn dawn il-provi huma zewg verzjonijiet kontradittorji - dik ta' Carmelo Mangion li jsostni li kien qieghed isuq l-appellant u dik ta' l-appellant li jsostni li

lanqas kien fi Triq Aldo Moro dakinhar ta' l-allegat incident.

**Enforcement Officer Carmelo Mangion** xehed li fit-8 ta' Novembru 2003 ghall-habta tas-2.00 p.m. kien qieghed isuq fi Triq Aldo Moro sejjer fid-direzzjoni tal-Fgura meta sema' tpaqpiq ta' horn minn wara, hares u ra karrozza gejja. Din il-karrozza resqet lejh u meta kienet ma' genbu x-xufier beda jghidlu xi haga b'rabja. F'daqqa wahda dik il-karrozza swervjat lejh u x-xhud dawwar l-isteering lejn ix-xellug biex ma jahbatx mieghu u dahal f'lane ohra filwaqt li l-karrozza l-ohra telqet bi speed. Ix-xhud qal li mmemorizza n-numru tal-karrozza u mar l-ghassa ta' Rahal Gdid fejn qalulu li kellu jirrapporta l-ghassa tal-Hamrun. Huwa kiteb id-dettalji tal-karrozza msemmija bhala "EAB-451 blue Peugeot" u mar jaghmel ir-rapport tieghu l-ghassa tal-Hamrun. Huwa qal li jaghraf lill-appellant, li kien liebes T-shirt ahmar, bhala l-persuna li kienet qed issuq il-karrozza in kwistjoni.

**L-appellant** cahad li kien hu li kien ghaddej minn Triq Aldo Moro fil-gurnata in kwistjoni u li ghamel dak li Carmelo Mangion allega li ghamel. Sostna li dawk l-affarijiet ma jaghmilhomx u li qieghed jappella ghax m'ghandux ghalfejn ihammeg il-licenzja meta mhux hu kien. Qal li lil Mangion l-anqas jafu. Inoltre ddikjara li l-karrozza tieghu, ghalkemm hija blue u ggib in-numru li ccita Mangion, mhijiex tal-marka Peugeot izda tal-marka Opel.

L-Ewwel Qorti evidentement emmnet lil Carmelo Mangion u sabet lill-appellant hati ta' l-ewwel zewg imputazzjonijiet. Certament ix-xiehda ta' xhud wiehed biss, jekk emmnut, hija bizzejjed biex tikkostitwixxi prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ikun gie pruvat minn zewg xhieda jew aktar[1]. U kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Thorne** tad-9 ta' Lulju 2003, *"mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l-Qorti, f'kaz ta' konflitt fil-*

---

[1] Ara artikolu 638(2) tal-Kap. 9.

*provi, trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali u tasal ghall-konkluzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex ser temmnu jew ma temmnux"*[2].

F'dan il-kaz din il-Qorti kellha l-opportunita` li tevalwa l-imgieba, il-karattru u l-kondotta taz-zewg xhieda. Inotre hasbet fit-tul dwar dak li xehdu u waslet ghall-konkluzjoni li kieku l-Ewwel Qorti kellha quddiemha l-provi li semghet din il-Qorti, dik il-Qorti ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni li hija waslet ghaliha, fis-sens li l-provi jhallu dubju serju dwar jekk l-appellant kienx il-persuna involuta. Dak li jirrizultalha huwa li Carmelo Mangion jenfasizza li huwa konvint li x-xufier kien l-appellant daqs kemm l-appellant jenfasizza li ma kienx hu; u daqs kemm Carmelo Mangion jinsisti fuq l-identifikazzjoni tieghu hekk ukoll l-appellant jinsisti li kien kaz ta' identita` zbaljata tant li appella ghax la jsostni li ma kienx hu m'ghandux ghalfejn "ihammeg il-licenzja". Iktar minn hekk, nonostante li Carmelo Mangion ta lill-Pulizija dettalji tal-karrozza li skond hu kellu l-incident in kwistjoni maghha, ma jirrizultax li l-Pulizija baghtu ghall-appellant biex jinvestigaw ir-rapport li kien ghamel l-imsemmi Carmelo Mangion. Ghalhekk jidher li l-uniku hjiel li kellu l-appellant dwar l-allegat incident kien meta gie notifikat bic-citazzjoni aktar minn xahrejn wara. L-appellant fil-fatt xehed li meta rcevieha pprova jiftakar fejn kien dakinhar u anke ccekkja x-xoghol u sab li ma kienx xoghol. Inoltre meta xehed Carmelo Mangion u ta d-dettalji tal-karrozza, indika b'certezza li din kienet tal-marka Peugeot izda waqt konfront ma' l-appellant, fuq mistoqsija tal-Qorti dwar il-mudell, deher incert u wiegeb: "Ma nafx, forsi Peugeot?" L-appellant da parti tieghu stqarr li l-karrozza tieghu hi tal-marka Opel.

F'dawn ic-cirkostanzi l-appellant ghandu jinghata l-beneficcju tad-dubju u konsegwentement l-appell tieghu sejjer jigi milqugh.

Ghal dawn il-motivi:

2 Ara wkoll Appell Kriminali **The Police vs Graham Charles Ducker**, 19 ta' Mejju 1957.

Tiddeciedi billi tirriforma s-sentenza appellata u filwaqt li tikkonfermaha f'dik il-parti fejn ma sabitx lill-appellant hati tat-tielet imputazzjoni u lliberatu minnha, tirrevokaha f'dik il-parti fejn sabet lill-appellant hati ta' l-ewwel u tat-tieni imputazzjonijiet u kkundannatu ghall-hlas ta' *multa* ta' tletin liri (Lm30) u minflok tiddikjarah mhux hati ukoll ta' l-ewwel u tat-tieni imputazzjonijiet u tilliberah minnhom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------